Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,738, 19 ta' Novembru, 2021
Taqsima B

A.L. 447 tal-2021

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2021 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Transdisciplinary Childhood Studies – M.A. - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Emozzjonali u Soċjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Emozzjonali u Soċjali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (v) tal-Istatut għaċ-Ċentru u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2021 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Transdisciplinary Childhood Studies – M.A. - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Emozzjonali u Soċjali.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru għar-Reżiljenza u s-Saħħa Emozzjonali u Soċjali;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Transdisciplinary Childhood Studies – M.A.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Transdisciplinary Childhood Studies – M.A.;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Transdisciplinary Childhood Studies – P.G. Cert.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Transdisciplinary Childhood Studies – P.G. Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2021 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Il-Kors huwa miftuħ għal applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu miksub minn tal-anqas Livell 6 fil-Qafas Malti tal-Kwalifiki (MQF), f'qasam ta' studju relatat mal-istudju tat-tfulija jew qasam ieħor addattat mill-Bord, minn din l-Università jew istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja oħra rikonoxxuta mis-Senat, sakemm li l-applikanti li għandhom grad bi klassifikazzjoni fit-Tielet Klassi Unuri jew Kategorija III għandhom jitħallew jipproċedu bil-komponent tar-riċerka soġġett li jkunu ġabu marka medja ta' mill-anqas 55% fil-komponent mgħallem.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq sitt semestri ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 30 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) L-istudenti li jlestu b'suċċess sett preskritt ta' taqsimiet studju li jammontaw 30 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate.

(3) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux lestew id-dissertazzjoni, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

(4) L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk jiksbu d-90 krettu ECTS kif imsemmi fil-programm ta' studju għall-Kors b'marka medja ta' mill-anqas 50%.

(5) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti ECTS għandhom jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, ikunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

7. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' bejn 15,000-20,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord tal-Istudji.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir fil-ħames u s-sitt semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu tad-dissertazzjoni u proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu approvati mill-Bord tal-Istudji sal-bidu tat-raba' semestru.

8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jissottomettu lill-Bord tal-Istudji rapporti dwar il-progress tal-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom fl-aħħar ta' kull semestru ta' studju. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni biex jew (a) il-perijodu ta' studju jkun estiż biex l-istudent ikun jista' jispiċċa d-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur iqis li dan hu xieraq fiċ-ċirkustanżi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

9. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-għan tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.